MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 153/2010

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet kienu zzewgu fl-4 ta' Novembru 2000, skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;

Illi l-kunsens tal-intimata kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-intimata kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-intimata, ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tal-4 ta' Novembru 2000 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2010, fejn deheret l-intimata personalment u tat ruhha b'notifikat bl-atti tal-kawza. Madanakollu, hija baqghet ma pprezentat ebda twegiba ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza hija mir-Repubblika Ceka, filwaqt li l-intimat huwa Malti. Iltaqghu f'Malta meta kienu ghadhom adolexxenti u wara ftit mawriet fil-pajjizi ta' xulxin, iddecidew li jizzewgu biex jiffrankaw l-ispejjez tal-vjaggi u sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tibqa' Malta ghall-perjodu itwal mit-tlett xhur li kienet tippermettilha it-"tourist visa" li kellha. Kien prettament zwieg ta' konvenjenza. Riedu biss jehilsu mill-problemi tal-ivjaggar.

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*", ("**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru 1999).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti ssib li r-rikorrenti rnexxielu jipprova dak li allega sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-4 ta' Novembru 2010 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------